# Tradizzjoni ta' normi u valuri fl-għajxien Malti

Harġa speċjali 75

*Ikompli mill-paġna 21*

Kattoliku, bħall-Azzjoni Kattolika, għal ġurnal bħal ma kien il-*Leħen is-Sewwa.*

Dak iż-żmien mhux tant imbiegħed għalissa baqa' x'aktarx mistur, u l-istudji kritiċi mhux biss dwar żmien Strickland (li miet fl-1940) baqgħu ftit ħafna. F'post bħal Malta wieħed jasal biex jifhem għaliex. Dik il-klima lanqas mietet, għaliex ir-ribelljoni, bħall-iddebuxxar, baqgħet dejjem tilgħab għall-udjenza. Fiċ-ċinema Malti bħalissa hemm film kontroversjali bbażat proprju f'dik il-parti tad-dinja u f'dak iż-żmien, bi protagonisti 'storiċi' Frida Kahlo u Diego Rivera. Dwaru diġà kkummentaw minn angoli opposti żewġ korrispondenti regolari nisa f'sezzjoni ta' l-istampa bl-Ingliż.

## L-INTERPRETAZZJONI MATERJALISTA

Naturalment bħal kull istituzzjoni fl-aħħar mill-aħħar umana l-Knisja kkommettiet l-iżbalji wkoll, għalkemm kultant l-iżbalji jkunu ta' individwi, f'ambitu ċirkoskritt. Ingħatat ħafna pubbliċità fil-*media,* u bir-raġun, lill-akkużi skandalużi ta' pedofilja fl-Amerika u fl-Awstralja, fejn is-soċjetà hi iżjed miftuħa. Fil-magħluq, jafu jiġu kommessi żbalji oħrajn.

Hawnhekk il-ġurnalista, forsi speċjalment dak tassew Kattoliku, jiffaċċja l-obbligu li joħroġ u jesponi l-verità, l-abbuż, l-inġustizzja, l-aħbar, ir-riċerka - bir-riskju li joffendi li min ikollu l-interessi vestiti fil-ġerarkija tas-setgħa. Kif, wara kollox, għamel Kristu.

Il-fatt li l-*Leħen* issopraviviet għal 75 sena hu storja fih innifsu. Madankollu, mingħajr impenn delikat u diffiċli ta' din ix-xorta, informat, analitiku, kritiku u inkwiżittiv, bir-riżorsi u l-libertà garantiti, ftit jista' jkun hemm futur għall-ġurnaliżmu popolari nisrani fid-dinja ta' llum, anke f'Malta, fejn il-mentalitajiet u l-istili tal-ħajja qegħdin jinbidlu radikalment f'dak li għandu x'jaqsam mar-reliġjon, id-duttrina, l-Iskrittura u l-Knisja istituzzjonali, speċjalment fost il-ġenerazzjonijiet li telgħin.

Jiena diġà tkellimt dwar in-nuqqas anti-storiku li f'kostituzzjoni ewropea ma ssirx riferenza għall-Kristjaneżmu ("Europeanity and Christianity", *The Sunday Times,* 8/6/03, p. 47). Bravu kemm hu bravu, Giscard d'Estaing m'huwiex xi epitomu ta' l-aspett Kristjan, kien fi żmienu per eżempju li ddaħħal l-abort fi Franza. Forsi iżjed profondament minn dan, però, hemm il-preokkupazzjoni tiegħi, anke bħala riċerkatur u edukatur, dwar l-atteġġjament strettament materjalista didattiku fid-dijanjosi u fl-interpretazzjoni ta' kollox, passat u preżent - bħallikieku li meta ssib u ssostni li xi ħadd, xi grupp, xi partit, ħadem u ssagrifika ruħu għax emmen hekk, hi xi ħaġa li intrinsikament wieħed għandu jiddieħek biha u jiddisprezzaha bħala redikolaġni 'klassista' nieqsa mill-metodoloġija xjentifika kontemporanja, li grazzi għal Marx u min ġie warajh din issa avanzat lil hinn minn dan kollu. Fi kliem ieħor: id-dispożizzjoni mentali favur l-interess x'aktarx finanzjarju jew ekonomiku ta' persuna, klikka jew klassi; u kontra l-valur x'aktarx morali, kulturali, sentimentali jew nazzjonali, fl-interpretazzjoni ta' l-imġiba politika u ta' dik umana in ġenerali.

Issib għalhekk li baqagħlu x'jagħmel il-*Leħen,* u mhux waħdu. Nispera biss li l-vuċi twassal.

*• HENRY FRENDO għallem f'diversi universitajiet u ilu Professur ta' l-Istorja f'Malta sa mill-1992. L-iżjed kotba reċenti tiegħu huma The Origins of Maltese Statehood: A Case Study of Decolonization in the Mediterranean (1999, 2ni ed. 2000), u Ċensu Tabone: The Man and His Century (2000, 2ni ed. 2001). Il-Professur Frendo huwa Viċi-President tal-Kumitat ta' l-Esperti tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar gvern lokali u reġjonali, kif ukoll President tal-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Refuġjati f'Malta.*